# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 7 ta' Lulju, 2021.**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 276/11JRM**

Bernard **BUSUTTIL**

vs

**ONOR. PRIM MINISTRU TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA**, il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u Dr Christopher Ċiantar, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Barranin

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-18 ta' Marzu, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib ma tiswiex, ma tgħoddx u mingħajr effett il-proċedura ta' temm ta' kuntratt ta' ingaġġ maħsuba fil-klawsola 8.1 tal-ftehim li sar fit-23 ta' Lulju, 2009 bejnu u Dr Christopher Ciantar fil-kwalita` tiegħu msemmija, u għalhekk ukoll ma tiswiex, ma tgħoddx u bla ebda effett il-proċedura mħaddma fil-konfront tiegħu li jintemmlu l-ftehim ta' ingaġġ u konsegwentement ukoll id-deċiżjoni tal-imħarrek Prim Ministru li japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kif

kkomunikata lill-attur bl-ittra tal-24 ta' Settembru, 2010; (ii) issib li huwa tkeċċa b'mod inġust u bi ksur tal-liġi meta l-ingaġġ tiegħu intemmlu qabel iż-żmien espressament miftiehem; (iii) issib li huwa ġarrab danni li l-imħarrkin iridu jagħmlu tajjeb għalihom għall-finijiet tal-Artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) tillikwida d-danni hekk imġarrba; u (v) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjez;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Marzu, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-19 ta' April, 2011, li biha l-Kummissjoni mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li minħabba dak li jgħid l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, il-qrati ma għandhomx is-setgħa li jissindikaw il-mod kif twettaq il-funzjonijiet tagħha. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li kien l-attur innifsu li aċċetta l-proċedura fil-klawsola li issa qiegħed jattakka u l-proċeduri li bihom imxiet il-Kummissjoni kienu jaqblu ma' dak miftiehem u ma' li trid il-liġi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-25 ta' April, 2011, li biha l-imħarrkin il-Prim Ministru u Segretarju Permanenti laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalu li tal-ewwel mhux il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attur u għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Qalu wkoll li din il-Qorti mhix kompetenti *ratione materiae* billi l-ilment tal-attur kellu jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali u dan skond l-Artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu billi ċaħdu x-xiljiet attriċi;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Mejju, 2011[2], li bih ħalliet il-kawża sabiex il-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin Onorevoli Prim Ministru u Segretarju Permanenti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin Prim Ministru u Segretarju Permanenti tas-27 ta' Ġunju, 2011[3];

Rat in-Nota tal-Kummissjoni mħarrka tas-6 ta' Lulju, 2011[4], li biha assoċjat ruħha man-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin l-oħra;

---

[1] Paġġ. 19 sa 20 tal-proċess
[2] Paġ. 63 tal-proċess
[3] Paġġ. 64 sa 67 tal-proċess
[4] Paġ. 69 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' setgħa li din il-Qorti tisma' il-kawża *ratione materiae*;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta mill-mod kif intemm l-ingaġġ tiegħu mal-Aġenzija tal-Ħlasijiet ("*Paying Agency*") fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għall-għarrieda u qabel iż-żmien miftiehem, u kif dan ġara mingħajr ma ngħata ebda tagħrif dwar x'wassal għal dan u wisq anqas il-jedd li jiddefendi ruħu fil-proċess li wassal għat-tmiem tal-ingaġġ tiegħu. Irid li l-Qorti ssib li l-klawżola fil-kuntratt li sar bejnu u l-imħarrek Segretarju Permanenti (li titratta dwar il-mod kif l-ingaġġ tiegħu seta' jintemm qabel il-waqt) ma tiswiex u ma għandha l-ebda effett, u li bl-istess mod titqies ma tiswiex u bla ebda effett il-proċedura mnedija li wasslet għat-temm tal-ingaġġ tiegħu. Irid ukoll li titħassar id-deċiżjoni tal-imħarrek Prim Ministru kif mgħarrfa lilu bl-ittra tal-imħarrek Segretarju Permanenti tal-24 ta' Settembru, 2010, bħala nulla u bla effett, u jingħata kumpens għad-danni li ġarrab b'riżultat tal-istess aġir mhux xieraq;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin Prim Ministru u Segretarju Permanenti laqgħu b'numru ta' eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Jgħidu, fost oħrajn, li s-Segretarju Permanenti kellu raġunijiet tajbin biex itemm l-ingaġġ tal-attur, imma li s-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni hija ħaġa li jista' jaraha u jqisha biss it-Tribunal Industrijali u mhux il-Qrati ordinarji;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar din it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin Prim Ministru u Segretarju Permanenti, dik tal-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae;*

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu f'dan l-istadju mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fit-23 ta' Lulju, 2009, l-attur inħatar bħala *EU Fund Manager* mal-Aġenzija tal-Ħlasijiet fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (minn issa l-quddiem imsejħa "l-Aġenzija") għal żmien fiss ta' tliet (3) snin b'seħħ mit-

22 ta' Ġunju, 2009, u taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra[5]. Huwa kellu jwieġeb lill Kap tal-Aġenzija bħala s-superjur immedjat tiegħu;

Illi fost il-kundizzjonijiet tal-ftehim, il-partijiet qablu dwar il-mod kif l-ftehim seta' jintemm qabel iż-żmien miftiehem minħabba "*unsatisfactory performance*"[6];

Illi jirriżulta li l-Kap tal-Aġenzija ma kienx kuntent bil-mod kif l-attur kien qed imexxi t-taqsima li minnha kien responsabbli, u talab lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "is-Segretarju Permanenti") sabiex iniedi l-proċedura stabbilita fil-klawsola 8.1 ħalli jtemm il-ftehim qabel jagħlaq iż-żmien miftiehem[7];

Illi fil-31 ta' Mejju, 2010[8], l-attur ingħata twiddiba bil-miktub flimkien mar-raġunijiet marbuta magħha, kif ukoll żmien biex iwieġeb u jiskolpa ruħu. Jirriżulta li l-attur naqas li jressaq tweġiba fiż-żmien li ngħatalu;

Illi fit-22 ta' Ġunju, 2010[9], l-attur ġie mgħarraf li t-twiddiba kienet ser tidħol fir-rekord tas-servizz tiegħu;

Illi jirriżulta li, għal xi żmien, l-attur beda jirrapporta għax-xogħol f'taqsima oħra tal-Ministeru ("*Programme Implementation*")[10];

Illi fl-24 ta' Settembru, 2010[11], l-attur ġie mgħarraf mis-Segretarju Permanenti li l-Prim Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-KSP") sabiex l-ingaġġ tiegħu mal-Aġenzija jintemm b'seħħ mis-27 ta' Settembru, 2010. Wara dan, għaddiet korrispondenza bejn l-attur u s-Segretarju Permanenti[12];

Illi fl-14 ta' Jannar, 2011, l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin, u fit-18 ta' Marzu, 2011, fetaħ din il-kawża;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbuta mal-eċċezzjoni preliminari mistħarrġa, il-Qorti trid tara jekk għandhiex is-setgħa bil-liġi li tisma' il-kawża jew jekk dik is-setgħa hijiex bil-liġi mħollija f'idejn it-Tribunal Industrijali (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-Tribunal");

[5] Dok "B", f'paġġ. 8 – 10 tal-proċess
[6] Klawżola numru 8 f'paġ. 9 tal-proċess
[7] Dokti. "A" u "F" f'paġġ. 42 sa 57 u 15 sa 16 tal-proċess
[8] Dok. "BB1" f'paġ. 58 tal-proċess
[9] Dok. "BB2" f'paġ. 59 tal-proċess
[10] Ara affidavit tal-attur f'paġġ. 28 sa 29 tal-proċess
[11] Dok. "Ċ" f'paġ. 11 tal-proċess
[12] Dokti. "D" u "E" f'paġġ. 12 u 13 tal-proċess

Illi fil-fehma tal-imħarrkin, is-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni hija materja li jista' jaraha biss it-Tribunal u mhux il-Qrati ordinarji. Huma jistrieħu fuq l-Artikolu 75 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali[13] li jagħti lit-Tribunal kompetenza esklussiva li tqis il-każijiet kollha fejn tiġi allegata tkeċċija inġusta;

Illi ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejha "ġurisdizzjoni ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali, imnissla minn dispożizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħrog lil hinn mil-limiti stretti mfissra f'dak il-liġi speċjali[14];

Illi ta' min iqis ukoll li l-ġurisdizzjoni esklussiva mogħtija lit-Tribunal dwar tkeċċija minn impieg meqjusa bħala inġusta hija, fil-kliem tal-ligi, "għal kull għan". Din il-Qorti tifhem li dan ifisser li l-indaġni dwar jekk it-tkeċċja kinitx mistħoqqa jew le jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raġuni ġusta u suffiċjenti fil-mertu;

Illi, f'dan ir-rigward, ġie stabilit kemm mill-kitbiet tal-awturi u kif ukoll minn deċizjonijiet tat-Tribunal innifsu li huwa għandu s-setgħa li jifli tkeċċija minn impieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm raġunijiet li jiġġustifikawha, din tkun saret b'mod mhux mistħoqq jew inġust[15]. Fi kliem ieħor, din il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal testendi għal dak li huwa magħruf bħala "*technically unfair dismissal*". Tali bixra ta' fehmiet baqgħet titqies ukoll matul iż-żminijiet[16];

Illi l-istess ħaġa tista' tingħad għal dak li huwa teknikament maghruf bħala "*constructive dismissal*", jiġifieri ċirkostanza ta' temm mill-impieg ta' persuna li, fid-dieher, qisha tkun irriżenjat mill-impieg, imma li, fil-fatt, tkun twasslet f'qagħda li jkollha titlaq kontra r-rieda tagħha minħabba l-imgiba tal-imgħallem tagħha. B'dan għalhekk li, ladarba jiġi stabilit li l-kwestjoni taqa' fil-limiti ta' dik il-gurisdizzjoni esklussiva, il-Qrati ma jkollhomx iżjed setgħa jidħlu fil-kwestjoni, u jibqa' biss setgħa ta' reviżjoni dwar l-operat tat-Tribunal[17] jew, jekk ikun il-każ, jedd ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell[18]. Kemm hu hekk, dawn il-Qrati waqfu milli jiddeċiedu kwestjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impieg u dan ukoll f'kawżi fejn, biex jagħmlu l-aċċertamenti

[13] Att XXII tal-2002 (Kap. 452)
[14] Ara P.A. **19.4.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Rossignaud noe vs Borġ noe*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.502**)
[15] Ara, per eżempju, deċiżjoni tat-Tribunal tal-**10 ta' Marzu, 1981**, fil-każ fl-ismijiet ***Diacono vs M.C.M. Aluminium Limited***
[16] Ara, per eżempju deċiżjoni tat-Tribunal tal-**24 ta' Novembru, 1998**, fil-każ fl-ismijiet ***Debattista vs Koperattiva Indafa Pubblika***
[17] P.A. GCD **20.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino***
[18] Art. 82(3) tal-Kap 452

tagħhom dwar il-każ, kien meħtieġ li tigi investigata wkoll il-kwestjoni tal-validità tat-temm tal-impieg[19];

Illi l-liġi tagħraf bejn impieg għal żmien definit u impieg għal żmien indefinit, u, għall-finijiet ta' tifsir ta' "tkeċċija inġusta", tqis biss dan tal-aħħar bħala dak l-impieg li r-rimedju tat-temm tiegħu jista' jintalab mit-Tribunal[20]. Ladarba kuntratt ta' impieg għal żmien fiss ma jaqax taħt it-tifsira ta' "*tkeċċija nġusta*" kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, tqies mill-Qrati tagħna (għalkemm dan mhux dejjem tfisser b'dan il-mod[21]) li l-Artikolu 75(1)(a) tal-Att ma jgħoddx għal azzjonijiet ta' tkeċċija mill-impieg f'kuntratti għal żmien definit[22];

Illi kemm hu hekk, jidher li l-leġislatur għażel li jindaħal f'din il-kwestjoni dan l-aħħar[23] u jiċċara l-qagħda marbuta mas-setgħa li t-Tribunal jistħarreġ kwestjonijiet li jirrigwardaw kuntratti għal żmien definit[24]. Tajjeb li wieħed iqis ukoll id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-Artikolu 75(1) tal-Att sewwasew fejn jitkellem dwar uffiċjali pubbliċi, liema ċirkostanza tolqot sewwa l-każ li l-Qorti għandha quddiemha;

Illi minkejja li l-imħarrkin eċċipjenti jgħidu li l-ftehim mertu tal-każ ma kienx kuntratt ta' impieg imma "kuntratt ta' servizz", dan l-argument ma jiswiex għaliex sewwasew fl-Artikolu 2 tal-Att li jagħti tifsira lil termini tal-liġi tax-xogħol, il-"kuntratt ta' servizz" u l-"kuntratt ta' impieg" jingħataw l-istess tifsira. Minbarra dan, ladarba l-attur deherlu li kellu jressaq il-kawża tiegħu bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed għandu jsemmi x'jgħid l-Artikolu 469A(6) dwar servizz mal-Gvern;

Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru u tad-dispożizzjonijiet partikolari tal-Att u tal-Liġi Sussidjarja li nħarġet taħtu[25], il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imħarrkin mhijiex tajba u s-setgħa li tisma' u tqis it-talbiet tal-attur u l-eċċezzjonijiet dwarhom hija waħda li taqa' f'din il-Qorti u mhux fit-Tribunal;

---

[19] P.A. **25.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Paċe vs Bondin noe et*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.838**); u App. Ċiv. **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Karmenu Vella vs General Workers' Union***

[20] Art. 2 tal-Kap. 452 jgħid: "*tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser - (a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt* dan l- Att, *jew (b) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew (ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu*;"

[21] Ara App. Inf. PS **23.2.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Rita Nehls vs Sterling Travel & Tourism Ltd***

[22] App. Inf. AE **25.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Waldemar David Galea vs L-Università ta' Malta***; u App. Ċiv. **12.7.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Avellino vs Citadel Insurance p.l.c.***

[23] Bl-Att LVIII tal-2020

[24] L-Art. 4 tal-imsemmi Att jagħmilha ċara (bħala kwestjoni transitorja) li l-kawżi li nbdew quddiem il-Qrati u ma humiex ġudikat jibqgħu jinstemgħu minnhom u mhux imorru quddiem it-Tribunal

[25] Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss (A.L. 51/2007, L.S. 452.81) u li b'A.L. 157 tal-2007 (L.S. 452.99) jgħoddu wkoll għal Servizz mal-Gvern

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeciedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin Prim Ministru u Segretarju Parlamentari bħala mhux mistħoqqa u ssib li għandha ġurisdizzjoni *ratione materiae* biex tisma' il-kawża tal-attur;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet li tressqu dwarha. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' il-każ; u

**Tordna** lill-imħarrkin eċċipjenti Onorevoli Prim Ministru u Segretarju Parlamentari jħallsu l-**ispejjeż** marbuta ma' din l-eċċezzjoni.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**7 ta' Lulju, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**7 ta' Lulju, 2021**